**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 09-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fl-10.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-25 ta' Frar 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.
3. Estimi Finanzjarji 2015.
4. Attivitajiet Sajf 2015.
5. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 08-2015.

## 2.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.

2.01 Il-laqgħa għal-lokalità tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2015, fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.
F'din il-laqgħa attendew madwar 8 persuni u min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u l-Kunsill Lokali Il-Munxar attendew is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson,* is-Sur Michele Fenech Adami – Membru, is-Sur Joseph Sultana – Sindku, is-Sur Robert Mallia - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.
Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku ta rendikont tax-xogħlijiet li twettqu fix-Xlendi. Ingħataw ukoll il-pjanijiet għas-sena 2015. Fost l-ilmenti kien hemm suġġerimenti sabiex il-ġbir ta' skart fix-Xlendi jsir kuljum bħalma jsir fis-sajf. Ilmenti oħrajn kienu dwar it-tined tal-istabbilimenti kummerċjali, skart fi *plots* mhux mibnija, jitranġa l-passaġġ li jagħti minn Triq il-Kantra għat-torri u jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada li waqgħu bil-maltemp.

## 3.00 Estimi Finanzjarji 2015.

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2015. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2015 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €216,826 li minnha huwa kkalkulat li €92,401 ser ikunu allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm ukoll €2,950 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €75,114 li minnhom hemm €32,297 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta' €145,788 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €63,997 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

## 4.00 Attivitajiet Sajf 2015.

4.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet li jistgħu jsiru matul is-sajf u x-xitwa li ġejjin. L-attivitajiet li ser isiru mill-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015 diġà huma ffinalizzati u ser ikunu dawn:

1. Mixja ta' Informazzjoni dwar il-Bajja tax-Xlendi fl-1 ta' Mejju 2015.
2. Kors ta' *diving* għall-*beginners* li jsir bejn l-24 ta' Ġunju 2015 u t-12 ta' Lulju 2015.
3. Klassi ta' *Self-Defence* għat-tfal li ssir fl-4 ta' Lulju 2015.
4. Giochi It's a Knock Out li ssir fis-27 ta' Lulju 2015.
5. *Water Fun Park* fil-5 ta' Settembru 2015.

Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex inkunu nafu kemm ser ningħataw fondi mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015 fejn il-Kumitat kien applika għal Kalendarju ta' Attivitajiet fix-Xlendi. Ġie deċiż sabiex isir laqgħa mal-MTA dwar attivitajiet li jistgħu jsiru din is-sena.

**5.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

5.01 Dalwaqt se joħorġu erba' offerti li jikkonċernaw il-Bajja tax-Xlendi. Dawn huma:

1. Ġbir ta' Skart Domestiku
2. Knis ta' Toroq fix-Xlendi
3. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta
4. Bankijiet u *Pots* għax-Xlendi

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki rigward il-Vintage Motors Festival li jsir kull sena. Din is-sena ser isir fil-21 u 22 ta' Marzu 2015 fejn fit-22 ta' Marzu 2015 ser iżuru l-Bajja tax-Xlendi bejn il-11 ta' filgħodu u l-12.15 ta' waranofsinhar. Huma qed jitolbu permess sabiex jiġi riservat parkeġġ għal 40 sa 50 vettura fil-*Parking Area* bejn l-10.30 ta' filgħodu u l-12.15 ta' waranofsinhar. Ġejna mitluba wkoll sabiex nibagħtu l-*logo* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li qed jirċievi diversi lmenti dwar it-tabella bl-isem ta' Triq il-Biżantini. Il-Kumitat ipprova li jwaħħal il-plakka tal-isem tat-triq fuq kanna iżda żewġ residenti kull darba qed joġġezzjonaw. Ġie deċiż li l-Kumitat jerġa' jagħmel tentattiv sabiex titwaħħal anke jekk titwaħħal ma' arblu tad-dawl u ssir vleġġa biex turi fejn hija t-triq.

6.03 Il-Kumitat irċieva talba mingħand l-istabbiliment Kuchen Bar ta' Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex tingħata approvazzjoni sabiex ipoġġi mwejjed fuq il-bankina quddiem il-bieb. Ġiet approvata b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. L-*area* fejn se jitpoġġew l-imwejjed tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant.
2. Għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi.
3. Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

6.04 Kif kien diġà deċiż dwar l-inawgurazzjoni tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, din se tiġi inawgurata l-Ħadd, 29 ta' Marzu 2015, fl-10.30 ta' filgħodu mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Dr Anton Refalo u mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali Il-Munxar. Wara li tispiċċa l-attività ser ikun hemm riċeviment.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni dwar l-Għar ta' Karolina peress li huwa mudlam. Ġie deċiż li l-Kumitat iqabbad kuntrattur sabiex jara li dan l-għar ikun imdawwal sew.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***